CONFERENTIA
EPISCOPALIS
MELITENSIS

**KUMMISSJONI PATRIMONJU KULTURALI KATTOLIKU**

27 ta' Marzu 2025

Parroċċa Il-Fontana
Fontana
Għawdex.

**Ref. P72/2025**

**Ambone Ġdid fil-Knisja Parrokkjali tal-Fontana**

Għażiż,

Il-KPKK m' għandiex diffikulta li dan il-proġett isir, iżda l-Kummissjoni qed tiġbed l-attenzjoni u tagħmel suġġeriment li l-idejn isiru proporzjonati mal-kumplament tad-disinn.

Tislijiet,

Rev. Dr André Zaffarese
Segretarju
Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku

Kummissjoni Arti Sagra
Djoċesi ta’ Għawdex

19 ta’ Lulju 2024

Parroċċa Qalb Ta' Ġesù,
Fontana

Referenza: KAS_20240719_03

**Ambone Ġdid**

Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Arti Sagra dwar il-proposta tal-Ambone hi kif ġej:

i. Teoloġikament hu Ġesù li jaqbad id Adam u Ġesù biss jagħmel dan. Għalhekk, id Adam ma’ għandhiex tkun kif propost taqbad id Ġesù imma Ġesu jaqbad id Adam biss.
ii. L-idejn li jirrappreżentaw lill-Missier Etern u li l-qagħda tagħhom tissimbolizza ukoll lill-Ispirtu s-Santu, għandhom ikunu inqas realistiċi u dan billi jkunu ftit inklinati u aktar il-ġewwa bi stil bassorilievo. Għandu ukoll jintuża xi drappeġġ madwar kull id u ssir eżempju komma madwar kull id.
iii. Il-KAS titlob li jsir disinn tal-Ambone bil-qisien u dan jiġi ppreżentati lill-istess kummissjoni għall-kunsiderazzjoni tagħha qabel tingħata l-approvazzjoni.

Kummissjoni Arti Sagra
Djoċesi ta' Għawdex

21 ta' Jannar 2025

Parroċċa Qalb Ta' Ġesu, Fontana,
Fontana

Referenza: KAS_20250121_01

**Ambone Ġdid**

Il-Kummissjoni Arti Sagra tirrakkomanda li:

i. L-Ambone għandu jkun fiss.
ii. L-angolu tal-leġiju għandu jkun ta' 35° mill-orizzont.
iii. Il-leġiju għandu jikber għad-daqs tal-Lezzjonarju.
iv. Is-sapport tal-parti t'isfel tal-leġiju li fuqu jitqiegħed u jżomm il-Lezzjonarju u/jew kotba oħra għandu jkun madwar ċentimetru u nofs aktar wiesgħa sabiex ikun hemm possibbiltà li jitqiegħdu aktar minn ktieb wieħed.
v. Il-mikrofonu għandu jeħel fuq in-naħa ta' ġewwa tal-pilastru. Dan għandu jeħel fuq ix-xellug ta' min ikun jaqra.
vi. Id-dettal tal-profil tal-pjattaforma tal-Ambone għandu jsegwi l-profil tal-Presbiterju. Dan il-profil jitkompla sa fuq wara tal-pjattaforma b'tali mod li ma jkunx hemm xifer/angolu ta' 90°.

Hu ssuġġerit ukoll li l-Ambone jimxi 'l quddiem u jisporġi sa nofs l-ewwel għatba tal-Presbiterju.

